II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-8 ta' Novembru 2007**

**dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni, stabbilita mill-Kunsill skond l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea**

(2007/763/KE)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-2005,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Att ta' l-Adeżjoni"), u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkommandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni mwaqqfa mill-Kunsill skond l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea [2] (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka") ġiet iffirmata fi Brussell fid-29 ta' Mejju 2000 u daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Awwissu 2005.

(2) Il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiprika ġiet komplementata mill-Protokoll iffirmat fis-16 ta' Ottubru 2001, li daħal fis-seħħ fil-5 ta' Ottubru 2005 [3] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll dwar l-Assistenza Reċiproka").

(3) L-Artikolu 3(3) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jipprovdi li l-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jaderixxu mal-konvenzjonijiet u protokolli konklużi bejn l-Istati Membri, elenkati fl-Anness I ma' l-Att ta' l-Adeżjoni, li jinkludi, *inter alia*, il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka u l-Protokoll dwar l-Assistenza Reċiproka. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ, fir-rigward tal-Bulgarija u tar-Rumanija, fid-data determinata mill-Kunsill.

(4) Konformement ma' l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, l-Kunsill għandu jagħmel l-aġġustamenti kollha meħtieġa, minħabba l-adeżjoni, f'dawk il-konvenzjonijiet u protokolli,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar ta' wara d-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni bejn il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Istati Membri li għalihom tkun fis-seħħ il-Konvenzjoni f'dik id-data. Għandha tidħol fis-seħħ bejn il-Bulgarija, jew ir-Rumanija u kull Stat Membru ieħor fil-jum li l-Konvenzjoni dwar l-assistenza Reċiproka tidħol fis-seħħ għall-Istati Membri l-oħra konċernati.

[1] Opinjoni ta' l-10 ta' Lulju 2007 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] ĠU C 197, 12.7.2000, p. 3.
[3] Protokoll, stabbilit mill-Kunsill skond l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 21.11.2001, p. 2).

Il-Protokoll dwar l-Assistenza Reċiproka għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar ta' wara d-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni bejn il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Istati Membri li għalihom il-Protokoll ikun fis-seħħ f'dik id-data. Għandu jidħol fis-seħħ bejn il-Bulgarija jew ir-Rumanija u kull Stat Membru ieħor fil-jum li l-Protokoll dwar l-Assistenza Reċiproka jidħol fis-seħħ għall-Istati Membri l-oħra konċernati.

*Artikolu 2*

It-testi tal-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka u tal-Protokoll dwar l-Assistenza Reċiproka, imfassla fil-lingwa Bulgara u fil-lingwa Rumena ([1]), għandhom ikunu awtentiċi taħt l-istess kondizzjonijiet tat-testi l-oħra tal-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka u tal-Protokoll dwar l-Assistenza Reċiproka.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il–President*

R. PEREIRA

([1]) Il-verżjoni Bulgara u Rumena tal-Konvenzjoni għandhom ikunu ppubblikati fl-edizzjoni speċjali tal-ĠU f'data aktard tard.